**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 268/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J, Fenech)**
**vs**
**Mahmoud Almhimid**

**Illum 11 t'Ottubru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mahmoud Almhimid ta' 38 sena, detentur tal-karta tal-identita' 117687(A).

Akkuzat talli fil-5 ta' Marzu 2018 ghall-habta tal-11:20am gewwa Triq ta' Gawhar, Hal Safi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Bonello (ID 381555M), persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, minhabba li l-istess offiza tista' ggib periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew ta' mankament jew sfregju fil-wicc, skont kif iccertika Dr Marcel Schembri MD mic-Centru tas-Sahha ta' Hal Qormi;
2. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies;

3. Hebb kontra l-istess Joseph Bonello sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni, kif ukoll

5. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Joseph Bonello.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 11 t'Ottubru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' permess ta' residenza tal-imputat, fedina penali ta' l-imputat, il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, stqarrija datata 24 ta' Marzu 2018 immarkat bhala Dok JF1 u certifikat mediku mmarkat bhala Dok JF2.

Rat li l-parte civile irrizunzja ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u ghazel li ma jixhidx fil-konfront tal-imputat

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tahom zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza, stante li l-parte civile irrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputat, u semghet l-ammissjoni ta' l-imputat li ammetta ghall-akkuzi l-ohra kif migjuba kontra tieghu. Fuq din l-ammissjoni cara u inekwivoka l-Qorti m'ghandiex triq ohra ghajr li ssib lill-imputat hati.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 216(1)(a)(b), 222A(1), 339(1)(b), (d), (e) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tal-hames (5) imputazzjoni, tapplika fil-konfront tal-hati l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tmintax-il (18) xahar mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**